Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

**Appell Numru: 21/2018**

Il-Pulizija

vs

**Donald Gilford**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 152187(M)

Illum, 6 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Donald Gilford quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksu l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat (Kap 9 Artiklu 18), bejn ix-xahar ta' Jannar u Mejju 2017, fil-Gzejjer Maltin, naqas milli jaghti lil Adelina Mercieca, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt, bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax –il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Jannar, 2018 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 18 u 338(z) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti sabet lill-

imsemmi mputat hati tal-akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Donald Gilford minnu pprezentat fil-25 ta' Jannar, 2018 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha Tilqa' dan l-appell billi thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena;

U in subordine, fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju, tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha li tikkonċerna l-piena, u tinfliġġi minflok piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-każ in eżami.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

**a. ILLI <u>L-EWWEL AGGRAVJU TA' L-APPELLANT HU LI L-AZZJONI HI PRESKRITTA A TENUR TA' L-EWWEL PROVISO TAL-ARTIKOLU 338(Z) TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, LIEMA ARTIKOLU JIPPROVDI LI L-AZZJONI KRIMINALI GHAL REAT TAHT DAN IL-PARAGRAFU TAQA' BI PRESKRIZZJONI BL-GHELUQ TA' SITT (6) XHUR;</u>**

**i.** Illi l-appellant gie akkuzat illi naqas milli jhallas il-manteniment lil Adelina Mercieca ghax-xahar ta' Lulju 2017;

**ii.** Illi l-iskadenzi li fihom għandu jitħallas il-manteniment mill-appellant jaqgħu fil-hames (5) jum ta' kull xahar, izda bis-saħħa tal-artikolu 338(z) il-ħlas għandu jsir fi żmien ħmistax (15) –il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni tal-Qorti, ikollha titħallas dik is-somma dovuta bħala manteniment;

**iii.** Illi konsegwentement il-perijodu preskrittiv ta' sitt (6) xhur beda jiddekkorri fl-ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017);

**iv.** Illi l-appellant qatt ma rcieva ebda Tahrika fuq Avviz ta' reat tal-Pulizija u sar jaf biss li kellu kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali meta mar il-Pulizija sabiex jesegwixxi l-mandat;

**v.** Illi skond il-process jidher illi l-Pulizija Ezekuttiva ppruvat tinnotifika lill-appellant u din in-notifika irrizultat fin-negattiv;

**vi.** Illi sussegwentement l-Pulizija Ezekuttiv esegwit in-notifika billi halliet kopja ma Charlene Gilford fil-post gewwa Triq il-Gendus Bormla, fejn Charlene Gilford irrifjutat tali notifika stante li huha ma kienx ghadu qed jirrisjedi fl-imsemmi fond;

**vii.** Illi skond l-artikolu 4 tal-Ligi Sussidjarja 9.22:

"*(1) In-notifika ta' taħrika għandha ssir bil-kunsinna tat-taħrika:*
*(a) f'kull post f'Malta jew f'Għawdex personalment lill-persuna li lilha t-taħrika għandha tiġi notifikata; jew*
*(b) billi titħalla fl-indirizz postal jew fl-aħħar indirizz reġistrat ta' dik il-persuna; jew*
*(ċ) billi dik it-taħrika titħalla fil-post tan-negozju jew fil-post tax-xogħol ta' dik il-persuna:*

*Iżda n-notifika skont il-paragrafu (b) għandha tkun valida biss jekk it-taħrika titħalla ma' xi membru tal-familja tagħha jew fid-dar, jew ma' persuna li tagħti, lill-persuna mħarrka, servizz f'dik id-dar.*"

**viii.** Illi kif jidher mic-citazzjoni innifisha li tohrog fuq l-indirizz registrat tal-persuna, l-appellant kien jirrisjedi gewwa fond l-Isla. Dan stqarru wkoll l-appellant waqt ix-xhieda tieghu;

**ix.** Illi di piu meta giet irrifjutata minn Charlene Gilford, l-istess Charlene Gilford skond l-istess riferta jidher li hija rrifjutat dan l-avviz peress li huha ma kienx baqa' jirrisjedi hemm;

**x.** Illi konsegwentement ir-rifjut ta' notifika da parti ta' Charlene Gilford, gjaladarba dan ma kienx l-ahhar indirizz registrat u l-anqas kien l-indirizz postali tieghu, ma kienx validu u konsegwentement qatt ma gie notifikat bl-avviz ta' Reat tal-Pulizija;

**xi.** Illi jigi rrilevat illi fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar 2018, l-appellant eccepixxa l-preskrizzjoni stante li l-appellant sal-gurnata tas-seduta kien ghadu mhux validament u regolarment notifikat u fil-fatt l-appellant tela' ghas-seduta minghajr ma kien jaf biex inhu akkuzat;

**i.** **Illi konsegwentement, gjaladarba n-notifika ma saritx skond kif tirrikjedi l-Ligi Sussidjarja 9.22, l-appellant ma kienx validalment notifikat, u konsegwentement tali azzjoni fil-konfront tal-appellant hija preskritta u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u konsegwentement tilqa' dan l-appell billi thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.**

**b.** ILLI T-TIENI AGGRAVJU U MINGHAJR PREGUDIZZJU GHALL-EWWEL AGGRAVJU, F'KAZ LI L-EWWEL AGGRAVJU JIGI RESPINT, L-APPELLANT IHOSS LI TENUT KONT TAC-CIRKOSTANZI KOLLHA TAL-KAZ, IL-PIENA INFLITTA MA KIENITX WAHDA IDONEJA;

**i.** Illi l-appellant kien fl-impossibilita li jhallas manteniment f'dan il-perijodu stante li kien minghajr impjieg u ma kien qed jippercepixxi ebda tip ta' manteniment;

**ii.** Illi konsegwentement sab ruhu rinfaccjat b'cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom;

**iii.** Illi di piu illum l-appellant jinsab impjegat u f'kaz li l-appellant ikollu jaghmel perijodu ta' gimghatejn detenzjoni, huwa zgur li jitlef l-impjieg tieghu u jerga' jigi f'sitwazzjoni fejn ikun impossibli li jonora l-obbligi tieghu;

**iv.** Illi konsegwentement u minghajr pregudizzju f'kaz li l-ewwel aggravju jigi respinti, l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata u tirrevokha

in kwantu kkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni u taghti piena iktar idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta tal-lum jirrizulta illi l-partijiet irrisolvew il-pendenz tal-manteniment mertu ta' dawn il-proceduri. Fil-fatt il-parte civili iddikjarat illi ma ghadx fadallha interess f'dawn il-proceduri.

Illi ghalkemm il-htija tirrizulta xortawahda  izda hemm lok ghal-varjazzjoni tal-piena.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn l-appellant gie misjub hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tvarja l-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap. 446, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Din il-Qorti spjegat lill-appellant, a tenur ta' l-artikolu 22(3) tal-Kap. 446, bi kliem li jiftiehem sewwa li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur